# IN-NISĠA

fuljett dwar l-artiġjanat Malti

MALTA CRAFTS COUNCIL
IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTIĠJANAT

Maħruġ mill-Kunsill Malti għall-Artiġjanat

Numru 3 – Ottubru 2004


**Messaġġi mill-Onor. Edwin Vassallo Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Kompetitività u l- Komunikazzjoni**

Ħbieb,

Illum b'sodisfazzjon għandi l-pjaċir niktbilkom dwar skema ġdida ta' self ta' flus għall-Artiġjani, s-*self-employed* u n-negozji żgħar. Dan l-aħħar wara konsultazzjoni miegħi, il-BOV nieda din l-iskema ta' self ta' flus. Issa nistgħu ngħidu li grazzi għal dan il-bank, intom l-artiġjani għandkom l-opportunità li tisselfu Lm5000, b'inqas burokrazija minn kif kien isir qabel. Irrid ngħid li l-BOV permezz ta' din l-iskema mhux ser isir *takeaway* ta' flus, iżda, xorta jibqa' bank li jrid jafda qabel ma jsellef.

Għalhekk, issa li hawn din l-iskema fis-suq, huwa f'idejkom l-artiġjani li jekk għandkom bżonn tagħmlu xi nefqa għan-negozju tagħkom, tieħdu vantaġġ minnha. Illum sar possibbli li tissellfu sa Lm5000 b'rata ta' 4.5% mingħajr ma tintalbu *business plan* formali, iżda, huwa meħtieġ li kull min ser jissellef ikun kapaċi jwieġeb dak li jista' jiġi mistoqsi.

Din l-iskema ta' self ta' flus mill-BOV li hija l-ewwel waħda tax-xorta tagħha, qed tiġi offruta lil dawk li huma sidien ta' ħwienet, *boat builders*, bejjiegħa tal-laħam, bejjiegħa tal-ħut bil-van kif ukoll artiġjani.

Jien ikolli ngħid li dan kollu kien possibbli wkoll grazzi għall-ħidma li saret mal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat. Dan ifisser li l-ħidma li qed titwettaq mill-Kunsill qed tħalli riżultati żgħar iżda meħtieġa, u rridu nkomplu naħdmu fuq dak li bdejna.

Edwin Vassallo

## Il-membri tal-Kunsill

Il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat hu magħmul minn dawn il-membri:

Sur Godwin Warr, **Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Kummerċ u President**; Sur Joseph Mifsud **Viċi President;** Sur Joseph Attard mill-**Ministeru għal Għawdex**; Sur Donald Friġġieri mill-**Ministeru ta' l-Edukazzjoni**; Sur Robert Laurenti mill-**Ministeru għall-Biedja u Sajd**; Sinjura Pauline Dingli mill-**Awtorità Maltija tat-Turiżmu**, Sur Charles Busuttil **Membru Għaqda Kostitwita (GRTU);** Sur Paul Haber , Sur Francis Galea u Sur Louis Galea it-tliet **Rappreżentanti ta' l-Artiġjani**; Sur Mark Saliba r-**Rappreżentant ta' l-Imprendituri** u Sur Charles Vassallo **Segretarju.**

## Id-Diviżjoni tal-Kummerċ permezz ta' l-i*Small Businesses and Crafts Directorate* lesta tisma' u tgħin

Għall-informazzjoni relatata mal-linja tan-negozju jew intrapriża żgħira tiegħek jew jekk tiltaqa' ma' xi diffikultajiet burokratiċi minn xi entitajiet li jipprovdulek servizz ċempel l-uffiċċju ta' l-SBCD.

Biex tinqeda, dan l-Uffiċċju jinstab telefonata biss il-bogħod u tista' ċċempel 24 siegħa kuljum fuq in-numru 21226688. Wara l-ħin tax-xogħol tista' tħalli messaġġ fuq l-*answering machine* u wara tkun ikkuntatjat/a minn uffiċjali tad-Direttorat.

## Laqgħat Ġenerali Annwali (AGMs)

Kif mitlub bil-liġi l-Kunsill għamel żewġ laqgħat Ġenerali Annwali f'Jannar li għadda: għall-artiġjani fit-28 u għall-imprendituri fid-29. Il-laqgħat saru fil-Kavallier ta' San Ġakbu fis-7.30 ta' filgħaxija.

Minkejja li l-lok fejn saru huwa wieħed ċentrali li jista' jintlaħaq faċilment minn kulħadd u li l-ħin magħżul hu ntenzjonat li ma jtellifx mill-ħin tan-negozju, l-Kunsill jinnota li l-attendenza fiż-żewġ laqgħat kienet baxxa.

Filwaqt li l-AGMs iservu biex il-Kunsill jagħti rendikont ta' l-attivitajiet tal-Kunsill matul is-sena kalendarja, l-artiġjani u l-imprendituri jagħmlu l-mistoqsijiet u s-suġġerimenti tagħhom u jindikaw dawk il-problemi li jiltaqgħu magħhom u li jistgħu jkunu qed jxekkluhom fil-ħidma tagħhom.

Min għandu xi diffikultà jista' jċempel lis-Segretarju tal-Kunsill fuq in-numru li jidher isfel jew lis-*Small Businesses and Crafts Directorate* li dwaru hemm artiklu bid-dettalji hawn taħt f'din il-ħarġa.

## Id-Direttorju ta' l-Artiġjani u l-Imprendituri u d-Data Protection Act




Il-Kunsill qiegħed jerġa' jappella lil kull artiġjan u imprenditur li għadu ma bagħatx il-kunsens tiegħu bil-miktub biex:

- id-dettalji tiegħu jidhru fid-Direttorju ta' l-Artiġjani u Imprendituri li jippubblika l-Kunsill minn żmien għall-żmien kemm f'forma ta' ktieb u kemm f'forma elettronika;
- id-dettalji tiegħu jkunu mogħtijin meta l-Kunsill jintalab tagħrif minn terzi persuni (eż. dwar parteċipazzjoni f'xi fieri, wirjiet u attivitajiet simili, okkażżjonijiet ta' promozzjoni ta' l-artiġjanat Malti) dwar is-settur/i ta' l-artiġjanat li jkun reġistrat taħtu/taħthom.

Bħala parti minn strateġija ta' *marketing* id-Direttorju jkun ċirkulat kemm f'Malta u kemm barra minn Malta u jkollu aċċess ukoll minn fuq l-Internet. Dan jagħti potenzjal biex l-artiġjanat Malti jkun aktar magħruf u milħuq kemm lokalment u kemm barra minn Malta.

## Aktar artiġjani jużaw il-logo tal-Kunsill

Il-Kunsill, minn żmien għall-żmien, jirċievi diversi talbiet biex il-logo tal-Kunsill tkun riprodotta fuq il-*labels, wrappers*, kaxxi tal-*packaging, letterheads, business cards,* eċċ. flimkien mal-kliem *Registered with the Malta Crafts Council.*

Din l-inizjattiva, kif esprimew artiġjani li diġa' għamlu użu minnha, tkompli tgħin biex tagħti promozzjoni lill-prodotti ta' l-artiġjanat Malti speċjalment fost it-turisti.

## Farsons Great Beer Festival u l-Buġibba Arts and Crafts Festival

L-artiġjani, permezz ta' ċirkularijiet mill-Kunsill, kienu avżati dwar żewġ festivals differenti u mħajrin jieħdu sehem fihom i.e. il-***Farsons Great Beer Festival*** li sar bejn it-23 ta' Lulju u 1 ta' Awissu, 2004 fin-National Gardens, f'Ta' Qali u l-***Buġibba Arts and Crafts Festival*** imtella' mill-Malta Hotels & Restaurants Association u l-Malta Tourism Authority fid-9, 10 u l-11 ta' Lulju fil-Buġibba Promenade.

## Kors dwar Packaging, Marketing u Window Dressing

L-ewwel fażi tal-kors ta' 5 lectures ta' sagħtejn il-wieħed kienet dwar *packaging* u tmexxiet mis-Sur Stephen Garret. It-tieni fażi, ukoll ta' 5 lectures ta' sagħtejn il-wieħed, li kienet tittratta dwar *marketing* ħa ħsiebha is-Sur Mark Camilleri.

Ta' min isemmi li wieħed mill-*lectures* dwar *packaging* kien mogħti minn Ms Alexandra Mifsud *Environmental Educator* minn *WasteServ Malta Ltd* li ndirizzat il-problema ta' materjali differenti użati fl-ippakkjar tal-prodotti u l-effett li jħallu fuq l-ambjent meta dawn jiġu skartati u kif dan l-effett negattiv jista' jkun kkontrollat.

L-attendenza fiż-żewġ suġġetti kienet waħda sodisfaċenti u dan jawgura tajjeb biex il-Kunsill jorganizza *courses* oħra fil-futur. Il-*courses* saru bil-kollaboazzjoni tal-MCAST (Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija).

It-tielet fażi tal-kors li tkopri *window dressing* għadha ma saritx minħabba li l-Kunsill għadu ma sabx persuna li lesta tagħti żewġ *lectures* dwar is-suġġett.

## *Links* bejn il-*web-site* tal-Kunsill u l-*web-sites* ta' l-artġjani u l-imprendituri

Il-Kunsill huwa mpenjat biex itejjeb il-*web-site* tiegħu partikolarment dwar id-Direttorju ta' l-artiġjani u l-imprendituri reġistrati mal-Kunsill billi joħloq *links* diretti bejn il-*web-sites* tagħhom u dik tal-Kunsill biex ikompli jiżdied l-għarfien lejn l-artiġjanat Malti.

Dan jista' jkun possibbli jekk ikun hemm **rispons** tajjeb mill-artiġjani u l-imprendituri billi jipprovdu d-dettalji meħtieġa u jagħtu l-kunsens tagħhom kif mitlub fl-Artiklu ***Id-Direttorju ta' l-Artiġjani u l-Imprendituri u d-Data Protection Act*** li jidher f'din il-ħarġa.

## Imnedijin Standards Maltin fuq il-bizzilla u filugranu maħdumin bl-idejn

Iż-żewġ abbozzi ta' standards mħejjijin minn żewġ *technical committees* mleqqgħin apposta mill-Malta Standards Authority kienu approvati mill-Board ta' l-Istandards ta' l-MSA.



Iż-żewġ Standards kienu mnedijin uffiċċjalment waqt konferenza stampa mogħtija mill-Onor Ċensu Galea Ministru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni u l-Onor Edwin Vassallo Segretarju Parlamentari fl-istess Ministeru nhar it-Tnejn 9 ta' April, 2004. L-attività saret fiċ-Ċentru tas-Snajja' f'Mistraħ San Ġwann, il-Belt.

Għall-okkażjoni itellgħet wirja ta' uħud mill-aħjar kampjuni tal-bizzilla u filugranu ta' Malta u Għawdex maħduma bl-idejn.

Il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat jawgura li dawn l-*istandards* iħallu l-frott mixtieq fost l-artiġjani Maltin u Għawdxin u jħeġġeġ lil kull artiġjan u imprenditur - sew jekk reġistrat mal-Kunsill jew mhux - biex jisfrutta l-potenzjal tal-marki ta' kwalità (*standards*) maħruġa mill-MSA u jagħmel użu tajjeb minnhom.

## Produtturi ta' l-għasel

Il-Kunsill sejjaħ laqgħa nhar il-Erbgħa 14 ta' Lulju, 2004 fid-Despott Hall, fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, għal dawk li jrabbu n-naħal u jipproduċu u jbiegħu l-għasel. L-aġenda tal-laqgħa kienet:

- biex ikunu diskussi d-diffikultajiet li kienu qed jiltaqgħu magħhom;
- biex jinkiseb kunsens dwar l-introduzzjoni ta' standard (marka ta' konformità) fuq l-għasel.

Tqajmu diversi punti fosthom il-ħtieġa li kull produttur irid jiġi konformi mar-regolamenti dwar twaħħil ta' tikketti, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel. Kienet enfasizzata l-importanza tal-ħtieġa li kull min jibbottilja l-ikel irid ikun awtorizzat li jagħmel dan il-proċess kif mitlub mill-liġi,.

Kien hemm qbil unanimu li **l-Għaqda Maltija għat-Trobbija tan-Naħal** terġa' tibda tiffunzjona mill-aktar fis possibbli kif ukoll dwar l-introduzzjoni ta' *standard* fuq l-għasel ta' Malta u Għawdex.

## The Association of Gold & Silver Manufacturers

Fuq kummenti li rċieva l-Kunsill mill-**Association of Gold & Silver Manufacturers** dwar xi problemi li kienu qed jiffaċċjaw dawk li jaħdmu fis-settur tal-manifattura tad-deheb u fidda kienu organizzati żewġ laqgħat – l-Erbgħa 25 u l-Ħamis 26 ta' Awissu, 2004 fl-uffiċċju ta' l-Onor Edwin Vassallo Segretarju Parlamentari għall-Intrapriżi ż-Żgħar u s-Self Employed. Kienu diskussi xi diffikultajiet u x'passi ser jittieħdu biex tkun imtejba l-pożizzjoni tagħhom.

## Sensiela ta' Wirjiet organizzati fl-Ingilterra, l-Italja u l-Ġermanja

***Il-Malta* Enterprise**, għandha imħejji kalendarju ta' attivitajiet għas-sena 2005 li jikkonsisti f'wirjiet li jsiru fl-Ingilterra, l-Italja u l-Ġermanja.

Il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat jiġbed l-attenzjoni ta' l-artiġjani u l-imprendituri nvoluti fil-produzzjoni u bejgħ tal-prodotti ta' l-artiġjanat Malti u jħajjarhom jieħdu sehem f' dawn l-attivitajiet.

Bla dubju huma okkażjonijiet kbar għall-kummerċ fejn wieħed ikollu opportunità biex isib swieq ġodda għall-prodotti tiegħu. Dawn il-wirjiet, li jkunu mtellgħin fuq skala internazzjonali, iżuruhom eluf kbar ta' nies.

Kull min hu nteressat u jixtieq jipparteċipa għandu jikkuntattja lill-*Malta Enterprise* (Sur Joseph Galea, Manager, Trade Promotion Unit Tel. 21446186) jew lis-Segretarju tal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat għal aktar tagħrif.

Dawn huma xi wħud mill-wirjiet skedati għall-kumplament tas-sena 2004 u matul is-sena 2005:

**Ingilterra:**

***Crafts for Christmas (Crafts Alive) - Exhibition**:*
*Birmingham, 11-4 Nov 2004*

***Spring Fair Birmingham (Gift Trade):***
*Birmingham, 6-10 Feb 2005*

***Italja***

***CHIBIDUE International Exhibition of Gift Articles, Perfurmery Items, Costume Jewellery and Fashion Accessories**:*
*Milan, June 2004*

***AF-L'Artigiano in Fiera (International Crafts Selling Exhibition):***
*Milan 4-12 Dec 2004*

## Malta Day UK 2004

Għar-raba' sena konsekuttiva l-Kummisjoni Għolja Maltija f'Londra organizzat l-avveniment tal-***Malta Day - UK*** fil-11 ta' Settembru, 2004. Il-fiera, li saret fil-għodu fl-*Emmanuel Centre*, Londra, kienet tinkludi fost affarijiet oħra ikel u xorb, artiġjanat, letteratura u arti - kollox fuq tema Maltija. L-Onor. Louis Galea Ministru ta' l-Edukazzjoni inawgura il-fiera. Hu rrapurtat li madwar 14,700 ruħ żaru l-fiera. Wara nofs in-nhar kompliet l-attività f'atmosfera ta' festa Maltija bil-quddiesa f'*Westminister Cathedral*, purċissjoni bl-istatwa tal-Bambina u fil-għaxija kien organizzat *Gala Dinner & Dance & Variety Show*.

Il-Kunsill permezz ta' ċirkulari kien ħajjar lill-artiġjani reġistrati biex jieħdu sehem. Fl-edizzjoni tas-sena l-oħra kienu ħadu sehem 8 artiġjani f'isem il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat. Din is-sena l-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda biss mingħand il-*Fokli Winery*.

## Tixtieq titgħallem sengħa'?

Korsijiet *part time* qed ikunu offruti f'diversi snajja' ta' l-artiġjanat mill-**Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) u mis-Soċjetà Maltija ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ u mill-School of Art.**

Il-*courses* organizzatti mill-MCAST **(Tel. No. 21801590/1)** isiru f'Marzu u Ottubru fl-Institut ta' l-Arti u d-Disinn, Tarġa Gap, Mosta, u jinkludu fost oħrajn:

***Ceramics, Raku, Jewellery and Silversmithing, Stained Glass, Drawing and Painting, Fashion Design, Interior Decoration, Ganutell, Throwing u Craft Book Binding.***

Il-*courses* organizzati mis-Soċjetà Maltija ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ jibdew f'Ottubru, f'Jannar, f'April u fis-Sajf (Lulju-Awissu-Settembru) u jsiru f'Palazzo de la Salle, il-Belt (**Tel No. 21244339**) u jinkludu fost oħrajn:

***Ħjata bl-iskwera, Tifsil u ħjata biċ-ċentimetri., Rakkmu, Bizzilla ta' Malta, Fashion Design, Soft Furnishing, Filugranu, Arti - Tpinġija, Glass Painting, Induratura, Parċmina, Ganutell, Beading, Crochet, Cottage Craft, Monasteru, Floral Art, Rakkmu tad-Deheb, Needle Handcraft, Tatting.***

Il-courses li ser isiru mill-School of Art, Casa Brunet 106, Old Bakery Street, Valletta (**Tel No: 21234351**) jinkludu fost oħrajn:

***Diploma course in Fine Arts (Painting and Sculpture), Wood and Stone Sculpture, Gold and Silversmithing, Gilding, Course in Artistic Print-Making.***

Għal dawn il-korsijiet m'hemmx limitu ta' età u kulħadd jista' japplika. Jekk interessat ċempel fuq in-numri li jidhru aktar 'l fuq u itlob aktar tagħrif.

## Korsijiet oħra *part-time* ta' l-artiġjanat organizzati fil-Kunsilli Lokali

Diversi Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex qed jieħdu l-inizjattiva u jorganizzaw korsijiet dwar snajja' ta' l-artiġjanat eż. bizzilla, rakkmu, ganutell, crochet, ħjata, tpinġija, arkett, induratura, parċmina, fuħħar, *stained glass*, mudellar fit-tafal u oħrajn.

# L-AKBAR FIERA F'MALTA










L-artiġjanat Malti u Għawdxi reġa' nagħta promozzjoni tajba fil-Padiljun tad-Diviżjoni tal-Kummerċ fil-45 edizzjoni tal-**Fiera Internazzjonali ta' Malta 2004** li saret bejn id-29 ta' Ġunju u l-11 ta' Lulju. It-tema tal-padiljun kienet: ***L-Intrapriżi ż-Żgħar u l-Artiġjanat.***

Tletin artiġjan minn Malta u Għawdex ħadu sehem billi esibixxew varjetà ta' prodotti ta' kwalità għolja li kienu jinkludu fost oħrajn: qagħaq ta' l-għasel u inbid; ħġieġ dekorattiv, ċeramika; statwi reliġjużi; xogħol tal-bizzilla u ta' l-insiġ; xogħol ta' l-induratura u għamara tal-qasab;

Il-pubbliku in ġenerali għadda rimarki pożittivi dwar id-dehra tal-padiljun u l-livell għoli tal-prodotti ta' l-artiġjanat li kien hemm għall-wirja. L-uniku kumment negattiv reġa' kien dwar is-sħana kbira li kien hemm fil-padiljun.

Il-wirjiet minn xi artiġjani fuq il-post ta' kif isir ix-xogħol tagħhom i.e. qagħaq ta' l-għasel, insiġ fuq in-newl u l-għażil tas-suf tan-nagħaġ ġibed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Il-Ħamis 8 ta' Lulju, l-Onor Edwin Vassallo s-Segretarju Parlamentari għall-Intrapriżi ż-Żgħar u s-*Self Employed* qassam iċ-ċertifikati ta' parteċipazzjoni lill-artiġjani li ħadu sehem.



Filwaqt li l-Kunsill jirringrazzja lil kull min ħa sehem bil-prodotti tiegħu, iħoss li l-persentaġġ ta' dawk li pparteċipaw huwa baxx meta wieħed iqis li hemm 'l fuq minn 700 artiġjan reġistrat mal-Kunsill.

X'inhi r-raġuni għaliex ħafna qed jibqgħu lura u ma japplikawx? Din hija promozzjoni li qed tingħata b'xejn. Il-Kunsill lest li jilqa' suġġerimenti u kummenti mingħand min jixtieq jara tibdil għall-aħjar f'dan l-avveniment importanti li hu meqjus bħala l-akbar fiera f' Malta.

## Proġetti għaż-Żoni Industrijali

Il-proġetti li saru sal-lum u li ser jitwettqu fiż-żoni industrijali tal-Mosta u l-Imrieħel jibbenifikaw minnhom l-intrapriżi kollha li jaħdmu hemm inkluż l-artiġjani li joperaw f'dawn iż-żoni. Dan huwa aġġornament tax-xogħol ippjanat li jsir:

**Mosta:**
Kif kien imwiegħed, it-tender għall-proġett fil-fatt ħareġ, u fi ftit ta' jiem oħra mistenni jibda' x-xogħol fuq il-kostruzzjoni ta' toroq ġodda għal din iz-zona industrijali. Dan il-proġett ser jiġi jiswa aktar minn Lm300,000.

**L-Imrieħel**
Fiż-Żona Industrijali ta' l-Imrieħel, hekk kif kien sar fil-Mosta, wkoll sar l-istudju meħtieġ ta' kif jista' jsir titjib ta' din iż-żona. Fil-fatt inħareġ tender ta' madwar Lm400,000 sabiex ikunu jistgħu jiġu mwettqa xogħolijiet ta' kostruzzjoni ta' toroq, *rainwater culverts* u *retaining walls*. Sa dan it-tant, baqgħu isiru l-laqgħat mal-kumitat ta' azzjoni mwaqqaf apposta, fejn matulhom, is-Segretarju Parlamentari għamel lilu nnifsu disponibbli sabiex ipparteċipa f'diskussjonijiet, u kompla jkun qrib in-nies tan-negozju ta' din iż-żona, fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

## Il-Villaġġ għall-Artiġjanat Malti f'Ta' Qali

Il-MEPA ħarġet il-permessi kollha għall-proġett tal-Villaġġ għall-artiġjanat Malti f'Ta' Qali. It-*tenants* issa ngħataw kollha kopja tal-konvenji li ser jiġu ffirmati fuq is-siti l-ġodda. Dawn il-konvenji ngħataw lilhom waqt laqgħa individwali mas-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Edwin Vassallo. Riċentement huma ġew offruti wkoll inċentivi finanzjarji imfasslin mill-banek lokali u l-Malta Enterprise fuq inizjattiva ta' l-istess Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo u b'koperazzjoni ma' Ministeri oħra.

## Appelli mill-Kunsill Malti għall-Artiġjanat

(i) Il-Kunsill iħoss li l-artiġjani u l-imprendituri reġistrati mal-Kunsill għandhom jipprofittaw rwieħhom aktar minn attivitajiet kummerċjali li jkunu offruti lilhom u li jagħtuhom l-opportunità biex jagħmlu aktar negozju.

(ii) Il-Kunsill jilqa' suġġerimenti u kummenti dwar kull suġġett li jikkonċerna l-artiġjanat Malti.

**Editur: Charles Vassallo Segretarju tal-Kunsill Malti għall-Ariġjanat**
**Indirizz: Diviżjoni tal-Kummerċ, Lascaris, Valletta**
**Tel. No. 2569 0332**
**E-mail: charles.j.vassallo@gov.mt**
**www.mcmp.gov.mt**
**(Stampat u settjat fl-Istamperija tal-Gvern, Marsa)**